MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1150/2005

**Paola Micallef – ID 382422(M)**
**Vs**
**Alfred Martin – ID 828153(M)**

**Il-Qorti,**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Peress illi l-istanti kienet kriet lill-konvenut it-terran ossia garage 120, Main Street, San Pawl il-Bahar, liema kirja saret wara li dahal fis-sehh l-Att XXXI tal-1995, bil-kera ta' mitt lira (Lm100) kull erba' xhur pagabbli bil-quddiem;

Peress illi l-konvenut ghandu jaghti lill-istanti is-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm295.88) kwantu ghal Lm200 kera li skada fl-1 ta'

Gunju u fl-1 ta’ Ottubru 2005, u kwantu ghal Lm95.88 kontijiet ta’ l-ilma u l-elettriku, imhallsin mill-istanti ghas-servizzi fl-imsemmi fond, liema dejn il-konvenut ma hallasx ghalkemm gie interpellat bl-ittra legali tal-4 ta’ Gunju u tat-8 ta’ Lulju, 2005, u bl-ittra ufficjali tat-12 ta’ Ottubru 2005.

Peress illi bl-imsemmijin ittra tat-8 ta’ Gunju 2005 u bl-ittra ufficjali, l-istanti itterminat il-lokazzjoni bil-kongedo lill-konvenut, u interpellatu biex jikkonsenja c-cavetta ta’ l-imsemmi fond, u ghalhekk il-konvenut qieghed jokkupa l-fond minghajr dritt;

Jghid il-konvenut ghaliex, dispensat is-smiegh tal-kawza ghat-termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet u in vista tad-dikjarazzjoni annessa, m’ghandhiex din il-Qorti-

(1) tordna lill-konvenut li jizgombra mit-terran ossia garage 120, Main Street, San Pawl il-Bahar, li qieghed jokkupa minghajr dritt, u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat;

(2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istanti s-somma ta’ mitejn u hamsa u disghin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm295.88) ghar-ragunijiet fuq imfissra;

Bl-imghax legali min-notifika ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Ottubru 2005, u bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittri legali tal-4 ta’ Gunju u tat-8 ta’ Lulju, 2005 u ta’ l-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut li ghandu jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol.3 tal-process.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata li konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci.

Semghet l-avukat tal-attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha rrinunzjat ghal-ewwel talba stante li l-konvenut ikkonsenjalha c-cavetta tal-garage inkwistjoni;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-tieni talba attrici u tikkundnna lil konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm295.88) bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------